



# Mro. Angelo Pace
## L. Mus. L.C.M.

Kif nhar it-Tlieta, 26 t'Awissu, fil-għodu, tħabbret il-mewt ta' Mro. Anġelo Pace kulħadd baqa' mbikkem.
Nhar is-Sibt, bħas-soltu, rajnieh idoqq l-orgni għall-aħħar darba. Fuq xewqa tiegħu li wera lill-Kappillan, huwa talbu li jdoqq l-Antifona ta' Santa Marija "Assumpta est" x'ħin l-istatwa ta' Santa Marija jkunu ser idaħħluha fin-niċċa. Il-Kappillan mill-ewwel wieġbu "Mela le? La tixtieq hekk, hekk isir" Min kellu jgħid lill-Anġlu li din l-Antifona ta' Santa Marija kellha tkun l-aħħar biċċa mużika li tindaqq minnu fuq l-orgni.
Anġelo Pace twieled fil-Gudja nhar it-13 ta' Marzu, 1920. Huwa miet nhar it-Tlieta 26 t a' Awissu, 2003, fl-età ta' 83 sena.
Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja tal-Gvern fil-Gudja, minn fejn, imbagħad għadda għall-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju. Hemmhekk, huwa xorob l-ewwel kilba għall-mużika sagra, waqt il-lezzjonijiet ta' l-orgni u tal-kant.
Fit-Tieni Gwerra Dinjija, billi kien għadu kemm għalaq it-18-il sena nqabad bil-lieva. Meta nqabad suldat, mill-ewwel daħal fil-Banda

Apprezzament

Carmelo Pace
President Onorarju

tal-militar fejn kien idoqq is-saxaphone alto. Billi kien diġa' struwit fil-mużika sagra li kien tgħallem fis-Seminarju, speċjalment fuq l-orgni, meta daħal fil-Banda tl-Militar, ħuh Lonzu, li kien diġa' bandist mal-Banda La Stella tal-Gudja, beda jħajjru biex xi kultant, jibda jiġi jdoqq mal-Banda La Stella. B'hekk bdiet taħkmu l-kilba għall-Banda. Maż-żmien kultant beda jħabbat xi biċċa żgħira lill-Banda.

Meta l-bandisti u l-membri tal-kumitat tal-każin La Stella raw lill-Anġlu daqshekk ħerqan għall-mużika, bdew iħajjruh u jagħmlulu kuraġġ sabiex jieħu l-karriera tal-mużika bis-serjetà u fuq linji professjonali. Għalhekk Anġelo beda jmur għal-lezzjonijiet tal-mużika fil-privat. L-ewwel beda għand is-Surmast Carmelo Costa ta' Birkirkara. Imbagħad meta s-Surmast Costa ma setgħax ikompli minħabba saħħtu huwa għadda għand is-Surmast Giuseppe Casapinta. Għand is-surmastrijiet Costa u Casapinta, Anġlu tgħallem l-armonija, il-kontrapunt, id-direzzjoni, l-kompożizzjoni u l-istorja. Wara ftit taż-żmien, meta s-surmast Casapinta ra f'Anġlu żagħżugħ li jipprometti u li qiegħed jieħu l-mużika b'ħafna serjetà, ġegħlu joqgħod għall-eżamijiet tal-London College of Music fejn f'qasir żmien ġab id-Diploma fl-Associate, u wara ftit, id-Diploma fil-Licenciate of Music. Dak kien li xtaqu l-kumitat u l-bandisti tal-Banda La Stella għax, fl-1946 huwa ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda La Stella. Huwa dam jidderieġi l-Banda La Stella għal 52 sena. Mill-1946 sal-1998. Bit-tul ta' snin li huwa dam jokkupa din il-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda La Stella matul is-67 sena tal-ħajja tiegħu, huwa ftit l-ispazju ta' snin li kien baqa' għal surmastrijiet oħra. 15-il sena.

F'dawn it-52 sena li dam jidderieġi lill-Banda La Stella, huwa poġġa lill-Banda fuq linji moderni fuq l-istess livell ta' baned oħra Maltin. F'dik li hija mużika huwa ħalla lill-Banda La Stella sinjura f'kull sura u għamla ta' mużika, bħal: marċi brijużi, marċi funebri, marċi karnevaleski, innijiet, overtures, sinfoniji, arranġamenti mużikali ta' kull kwalità u għamla, eċċ, eċċ.

Wara l-Banda La Stella tal-Gudja huwa mexxa wkoll baned diversi oħra bħall-Banda La Stella tal-Belt Victorja t'Għawdex, il-Banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop, il-Banda Marija Omm tal-Grazzji ta' Ħaż-Żabbar; mexxa wkoll għall-bosta snin il-Kor Excelsior ta' Ħal Luqa, waqqaf u mexxa l-Kor La Stella tal-Gudja.

Anġlu bħala kompożitur rebaħ ħafna kompetizzjonijiet, kemm f'Malta u kemm barra minn Malta. Bizzejjed insemmi l-marċ Festival. Il-kompetizzjoni meta ħa l-ewwel post f'dan il-marċ kienet miftuħa għall-Commonwealth kollu. Dan il-marċ indaqq fuq il-Bristish Broadcasting Corporation (BBC) ta' Londra fiż-żjara li għamlet f'Malta ir-Reġina Elizabetta II ta' l-Ingilterra.

Anġlu kellu wkoll għall-qalbu l-mużika sagra. Huwa ta servizz lill-Knisja tal-Gudja għal bosta snin, kemm bħala organista kif ukoll bħala Maestro di Cappella. Fil-festi l-kbar kien jagħti servizz bl-orkestra f'Santa Marija, fil-Milied, Corpus, Qalb ta' Ġesù, Madonna tal-Warda, Madonna tar-Rużarju, eċċ. Ikkompona wkoll ħafna mużika sagra, Quddiesa, Għosrien eċċ, eċċ.

Din il-kitba qasira mhix u ma tirriflettix il-ħajja tas-Surmast Anġelo Pace. Dan huwa Apprezzament żgħir ta' ftit mill-ħajja tiegħu. B'hekk wieħed ikun jaf x'wirt mużikali ħalla warajh is-Surmast Anġelo Pace, bix-xewqa li xi ħadd għad jikteb il-bijografija sħiħa tiegħu.

Minn din il-paġna nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari kollha tiegħu.

**MULEJ AGħTIH IL-MISTRIEħ TA' DEJJEM**